Minuti tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2010 fil-5.35pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

<u>Sindku</u>: Is-Sur Saviour Borg

<u>Kunsilliera</u>: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

<u>Segretarju Eżekuttiv</u>: Is-Sur Karl Vella

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Peress li l-Minuti tal-laqgħa numru 36 kienu ntbagħtu permezz ta' *email* mis-Segretarju Eżekuttiv dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Peress li ħadd ma talab għal xi korrezzjonijiet, dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 120/2010 – Użu ta' *laptops*
3.1.2 Memo 121/2010 – Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2011
- Il-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema.

3.1.3 Memo 122/2010 – Ikliet/Riċevimenti Organizzati mill-Kunsilli Lokali
3.1.4 Memo 123/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 19506
3.1.5 Memo 124/2010 – Mistoqsija Parlamentari Numru 19524/19525
3.1.6 Memo 125/2010 – Kodiċi ta' prattiċi tajba għall-produzzjoni ta' films fil-lokalitajiet
3.1.7 Memo 126/2010 – Attivitajiet fil-lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund
- Is-Sindku ppropona li ssir ġabra f'Jum il-Fontana.

### 3.2 Ilmenti

a. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Grace Cardona ġiet l-uffiċċju tilmenta li kienu qegħdin ipoġġu basktijiet taż-żibel fuq il-bankina tagħha. Hi trid li titwaħħal tabella mar-residenza tagħha sabiex ħadd ma jpoġġi żibel fuq il-bankina tagħha. Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa jekk hi tkunx tista tpoġġi l-basktijiet taż-żibel tagħha fuq il-bankina jekk titwaħħal it-tabella. Il-Kunsillier Lorry Apap ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv jinfurmha b'dak li saqsa l-Kunsillier Micallef u jekk hi taqbel


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

li titwaħħal din it-tabella mar-residenza tagħha, u jekk hi taċċetta l-Kunsill m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra fil-5.45pm.

**3.3 Korrispondenza Prinċipali**

a. Il-WasteServ qalulna li inridu nwaħħlu *sticker* tal-arma tal-Kunsill fuq il-*bring-in-sites*. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jiffirma kuntratt biex dawn jaqgħu taħt ir-responsabilita tagħna dan għar-raġuni li l-Kunsill għandu kuntratt mal-kumpanija GreenMT biex ibattluhom huma. Il-Kunsill qabel.
b. Il-kumpanija TCTC informatna li l-kors tal-*eCouncil* ser jibda f'Ottubru 2010.
c. L-Ing Anthony Paul Saliba, f'isem il-kumpanija Solar Engingeering Ltd li rebħu l-offerta maħruġa mill-Kunsill sabiex jinstallaw sistema ta' pannelli fotovoltajiċi, permezz ta' *email* informa lill-Kunsill li peress li kien nbidel il-post ta' nstallazzjoni tas-sistema u minħabba l-fatt li l-kuntrabejt kien 4 pulzieri biss, qiegħed jipproponi li jitwaħħlu ventijiet mas-sistema. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li suppost il-kuntrattur kien jaf fejn ser jagħmel is-sistema, suppost kien jaf x'kuntrabejt hemm, u suppost kien jaf jekk il-bażi hiex ħa tintrabat qabel ma tefa l-offerta. Għalhekk suppost ġibdilna l-attenzjoni qabel ma tefa' l-offerta. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma bidel l-ebda post fejn kellha teħel din is-sistema ta' pannelli iżda għażel waħda miż-żewġ proposti li pproponiet il-kumpanija. Il-Kunsill għażel dik li s-sistema titqiegħed fuq il-fontana tal-*playing field* peress li l-post l-ieħor l-pannelli kienu jidħlu fl-arja tal-propjeta tal-Knisja. Is-Sindku qal li jekk jitwaħħlu l-ventijiet, dawn ikunu ta' periklu għat-tfal li jkunu jilagħbu fil-Playing Field. Is-Sindku pproponi li ngħaddu l-*email* lil Ing. Galea, li hu l-*Contract Manager* ħalli jwieġbu hu. Il-membri tal-Kunsill qablu.
d. MCA infurmawna li ser iniedu inizjattiva għar-residenti kollha sabiex jattendu taħrig bla ħlas dwar l-użu tal-kompjuter. Huma ser jibgħatu xi *leaflets* fid-djar tar-residenti.
e. Mid-Dipartiment tas-Saħħa rcivejna *email* fejn ġejna nfurmati li din is-sena ser terġa titqassam it-tilqima tal-influwenza. Għaldaqstant dawk il-Kunsilli li huma nteressati jridu jibgħatu *email* bil-lista ta' persuni li ser jieħdu din it-tilqima sat-8 t'Ottubru. Il-Kunsillier Victor Cefai ser jieħu ħsieb sabiex issir din l-applikazzjoni.
f. B'referenza għall-ittra li bgħat is-Segretarju Eżekuttiv lil Enemalta, l-Ing Vella infurmatna li l-qtugħ frekwenti ta' dawl fin-naħa t'isfel ta' Triq il-Għajn qiegħed jiġi kkaġunat minn manutenzjoni li qed issir f'din iż-żona.
g. Kif maqbul f'laqgħa preċedenti, Chris Gauci ġie mitlub jagħtina stima sabiex jinstalla l-*isolators* tal-fanali fi Triq l-Isptar San Ġiljan, li ser jinxtraw mill-Kunsill. L-istima tiegħu kienet ta' €390. Wara diskussjoni ġie maqbul li din l-istima hi għolja. Għalhekk, ġie maqbul li l-Kunsillier Lorry Apap juri lill-ħaddiem tal-Kunsill, Joe Mercieca, x'għandu jagħmel biex iwaħħal l-*isolators*. Ġie vverifikat li ma hemmx periklu għar-raġuni li l-*isolator* ikun ħdejn il-fanali. Is-Sindku qal li meta l-Ing Galea jiċċertifika l-fanali, il-Kunsill ikun jista' jwaħħalhom.
h. Ġejna mitlubin biex inġeddu l-garanzija bankarja tal-MEPA għal Trejqa ta' Wara Djar li tagħlaq nhar il-15 t'Ottubru 2010. Il-Kunsill qabel.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

i. Il-MEPA immultawna €540 għax il-bini tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku hu 17cm għola minn dak fil-permess. Is-Sindku qal li l-Perit Attard Montalto qalet li l-Kunsill li l-għoli tal-bini hu skond il-permess. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li ma tlajniex 17cm għola. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu li din titħallas, anke għar-raġuni li hija kondizzjoni għall-ħruġ tal-permess. Dan is-sanzjonar hu parti mill-applikazzjoni lil MEPA għal bini ta' żewġ garaxxijiet fi Triq ta' Mulejja li ġie approvat il-permess għalihom.
j. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bgħatilna *draft* tal-*Public Playgrounds Safety Standard* li qiegħed għall-konsultazzjoni sal-aħħar ta' Ottubru.
k. Is-Segretarjat Parlamentari tan-Negozji Żgħar u Artijiet, is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika għat-tieni sena konsekuttiva qiegħed iniedi premjijiet nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża.
l. Is-Sur Frendo, Assistant Direttur fid-Dipartiment għall-Kunsilli, bgħat il-proċedura li l-Kunsill irid isegwi biex jakkwista l-approvazzjoni għal self mill-bank.
m. Id-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali nfurmana li meta l-Kunsill jagħmel attivita' li minnha ser ikun qed jibbenifika minn fondi minn aktar minn Ministeru / Segretarjat wieħed, il-Kunsill iridu jqegħdu l-arma tal-Gvern darba biss u mal-ġenb tagħha jagħmlu l-ismijiet taħt xulxin, l-ewwel tal-Ministeru u mbagħad tas-Segretarjat Parlamentari kkonċernati fuq il-*billboards, flyers* u *posters.*
n. Is-Sindku ġie mistieden għal seminar 'Viżjoni 2015' nhar is-6 t'Ottubru fil-lukanda Excelsior, Furjana.
o. Id-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali talabna ngħaddu informazzjoni ta' l-applikazzjonijiet pendenti quddiem il-MEPA, kemm dawk relatati ma' skemi maħruġa mid-Dipartiment, kif ukoll proġetti oħrajn. Is-Sindku qal li l-Kunsill m'għadx baqalu applikazzjonijiet pendenti.
p. Is-Sur Catania, Assistant Direttur fid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, nforma lill-Kunsill Lokali li qiegħed isir ksur ta' liġi kull darba li ma jingħatax servizz lill-pubbliku mill-uffiċċini tal-Kunsill.
q. Is-Sur Manuel Cachia, mid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali, informa lis-Segretarju Eżekuttiv li sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jmexxi l-*vacation leave* ta' din is-sena għas-sena ddieħla dan irid jiġi maqbul mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.
r. L-Assoċċjazjoni tal-Kunsilli Lokali nformawna li l-Kunsilli Lokali għandhom jagħtu €233 lill-Enemalta għall-użu tal-*mapping services*. Is-Sindku ppropona li għalissa ma nħalsux għaliex is-sena l-oħra tlabna għal waħda u din ma ntbagħtitx anke jekk ħallasna €35. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jinforma lill-Enemalta b'dan. Il-Kunsill qabel.
s. Il-Biological Conservation Research Foundation (BICREF) tixtieq tiltaqa' mal-Kunsilli Lokali sabiex tiddiskuti x'inhuma l-aħjar modi possibli biex jiġu kkonservati l-postijiet storiċi tal-lokalitajiet.
t. Nhar id-9 t'Ottubru ser isir seminar organizzat mill-Caritas Malta Epilepsy Association. Dan ser jiġi organizzat fl-uffiċċju tal-Arka Foundation, f'Għajnsielem.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

## 4. GĦOTI TA' OFFERTI

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Perit Saliba kien għadu ma ħareġx il-kont tax-xogħol ta' restawr tal-Għajn ta' Bendu li sar mill-kuntrattur Joseph Muscat. Ix-xogħol ġie iċċertifikat mill-istess Perit f'Ġunju 2010, kif ukoll li lanqas għamel rapport u stima tal-*culvert* tal-ilma ta' parti minn Triq l-Isptar San Ġiljan minkejja li ilu xhur. Is-Sindku ppropona li għandna nibgħatu *email* lil Perit fejn insaqsuh jekk hu għadux lest li jkompli biex xogħol tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu.

### 4.1 Tender FONT 04/2010: Patching bil-Hot Asphalt f'diversi toroq fil-Fontana

Il-Kunsill irċieva żewġ offerti għal dan ix-xogħol, dik ta' Road Construction u dik ta' Gatt Tarmac. Il-prezzijiet li ngħataw jvarjaw skond it-tip ta' xogħol li jrid isir. Wara diskussjoni ġie maqbul li l-Kunsillier Lorry Apap jagħmel rapport fuq iż-żewġ offerti li rċieva l-Kunsill u jaġġudikah. Għandhom isiru kopji tal-offerti mis-Segretarju Eżekuttiv u jingħataw lil Kunsillier Lorry Apap.

### 4.2 Tender FONT 05/2010: Xogħlijiet ta' kisi ta' toroq b'konnessjoni mal-*Public Private Partnership Scheme*

Il-Kunsill irċieva żewġ offerti għal dan ix-xogħol, dik ta' Road Construction u dik ta' Gatt Tarmac. Il-prezzijiet li ngħataw huma bil-metru u għalhekk ma' għandniex l-offerta totali. Il-Kunsill qabel li jekk il-Perit John Saliba jinforma lill-Kunsill li lest jkompli bix-xogħol mal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv jgħaddilu kopja tad-dokumenti.

### 4.3 Kwotazzjoni FONQ 04/2010: Restawr tal-Għajn tal-Loġoġ

Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda għal dan ix-xogħol, dik ta' Raymond Gatt li kienet ta' €6,446.38. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex jgħaddi kopja tad-dokument lill-Kunsillier Lorry Apap. Sar qbil li din il-kwotazzjoni tiġi evalwata mill-Kunsillier Lorry Apap.

## 5. MATERJI OĦRA

5.1 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk inġabrux il-flus tal-FunDay li saret fix-Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu ma rċeviex l-kontijiet kollha, anke jekk hu kien talabhom lil ma offra s-servizzi lill-Kunsill.

5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mal-Ing Vella, tal-Enemalta rigward it-trejqa li twassal sa tarf Triq Għajn Tuta dwar is-servizzi tad-dawl li jgħaddu għall-*pumping station* tad-Drenaġġ.

5.3 Il-Kunsillier Victor Cefai qal li fi Triq il-Kappillan Hili hemm problema li l-bozoz qegħdin jinħarqu b'mod regolari. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li dan qiegħed ikun ikkaġunat minħabba *extra voltage*. Hemm bozoz li jkollhom *voltage* ta' 220V u oħrajn ta' 240V. Għalhekk, hu kompla, li rridu noqogħdu attenti li l-bozoz li jinxtraw ikunu ta' 240V. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hu tkellem mal-*electrician* tal-Kunsill, Chris Gauci, u hu qallu li l-bozoz kienu qegħdin jinħarqu bis-sħana.

5.4 Permezz ta' *email* is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li hu ma setgħax jibqa' jaħdem aktar is-Sibtijiet minn Ottubru l-quddiem. Il-Kunsillier Lorry



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Apap saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk hux possibli li jaħdem is-Sibtijiet sal-aħħar tas-sena. Is-Sindku qal li s-sena l-oħra meta l-Kunsilli kienu ser jibdew jiftħu nhar ta' Sibt kien tħabbar li dawk il-Kunsilli li m'għandhomx staff kienu ser jingħataw fondi għal dan il-għan.

5.5 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb ittra ta' solidarjeta' lill-eks Segretarju Parlamentari l-Onor Chris Said u nawgurawlu li jkompli kemm jista' jkun malajr bil-ħidma tiegħu. Il-membri tal-Kunsill qablu.

5.6 Il-Viċi Sindku ppropona li tiġi offruta quddies għall-vittmi u l-ispejjeż jitħallsu mill-Kunsilliera u mhux mill-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu. Il-quddies għandha tkun f'Jum il-Fontana, nhar l-1 ta' Diċembru 2010.

5.7 Is-Sindku qal li bħala solidarjeta mall-familji tal-vittmi tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers, l-attivitajiet li kien ser jagħmel il-Kunsill għal Kemmuna u Notte Bianca fix-xhar ta' Settembru tħassru. Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa soċjo-kulturali Malta nhar il-15 t'Ottubru għar-residenti u oħra għat-tfal fl-1 jew 3 ta' Novembru f'Malta.

5.8 Il-Viċi Sindku ppropona li nibgħatu *cards* ta' kondoljanza lill-familji tal-vittmi tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers. Il-membri tal-Kunsill qablu. Il-Viċi Sindku għandu jieħu ħsieb jixtri dawn il-*cards*.

5.9 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel plakka kommemorattiva lill-vittmi tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers fil-*playing field* tal-lokalita. Il-Viċi Sindku ppropona li din tiġi nawgurata f'Jum il-Fontana, pero' is-Sindku qal li m'għadx baqa' żmien għax għad irid jintalab permess mingħand il-MEPA.

5.10 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Eżekuttiv x'kien sar bl-*applications* tal-*LifeLong Learning* li kien irċieva l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kull ma kienu applikaw erbgħa persuni u hu għadda l-applikazzjoni tagħhom lis-Sur Joe Grima, fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

5.11 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li:

5.11.1 Is-Sindku attenda għat-tieni laqgħa tal-kumitat reġjonali li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Ġie maħruġ il-permess mill-MEPA għal bini ta' żewġ garaxxijiet f'parti oħra tal-Playing Field.

5.11.2 Is-Sindku attenda għall-introduzzjoni ta' skema dwar attivitajiet sportivi għas-sena 2011. Din saret fil-Playing Field ta' Kercem. Attendew is-Segretarju Parlamentari l-Onor Clyde Puli responsabbli mill-Isport kif ukoll l-Onor Chris Said, responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

5.11.3 Il-Kunsill bagħat il-kondoljanzi lil Eċċellenza tiegħu, il-President tar-Repubblika, kuf ukoll lil Onor Prim Ministru fl-okkażżjoni tal-mewt ta' missirijiethom.

5.11.4 Fil-5 ta' Settembru l-lokalita tal-Fontana ntlaqgħtet mill-akbar traġedja fl-istorja tagħha. Fis-sitta u għaxra ta' fl-għaxija seħħet spluzzjoni fil-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers mill-Fontana. Mall-isplużżjoni mietu erba' persuni: Nenu Farrugia, ibnu Noel flimkien ma' martu Antinette, u żagħżugħ mix-Xewkija, Jean Pierre Azzopardi. Ġew feruti gravi wkoll Raymond Farrugia u Peter Paul Micallef, li tilfu ħajjithom fis-7 u 8 ta' Settembru rispettivament.

5.11.5 Is-Sindku ta l-kummenti tiegħu dwar din it-traġeja lil One TV, NET TV, u TVM, kif ukoll lill-gazzetti Malta Today, Malta Independent, u In-Nazzjon


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Tagħna, flimkien mall-program Xarabank. Il-Kunsillier Horace Micallef ta l-kummenti tiegħu lil One TV u l-program Xarabank.

5.11.6 Is-Sindku u membri tal-Kunsill taw il-kondoljanzi tagħhom lill-familji Farrugia, Cutajar u Micallef. Ittelgħet għall-ewwel darba fuq is-sala tal-komunita l-bandiera tal-Kunsill mezza-lasta b'sinjal ta' luttu.

5.11.7 Is-Sindku, il-Kunsilliera Lorry Apap, Victor Cefai u Horace Micallef, u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għall-funeral tal-ħames vittmi tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers mill-Fontana. Għal dan il-funeral attendew folol kbar. Attendew ukoll l-Eċċellenza tiegħu l-President tar-Repubblika, l-Onor Prim Ministru, l-Onor Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor Ministru għal Għawdex, l-Onor Segretarju Parlamentari Chris Said, il-membru Parlamentari l-Onor Fredrick Azzopardi, u l-Onor Anton Refalo fost ħafna persuni distinti oħra.

5.11.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali kien offra bukkett tal-fjuri waqt il-funeral tal-vittmi tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers.

5.11.9 Is-Sindku attenda għall-funeral li sar fix-Xewkija ta' Jean Pierre Azzopardi, li tilef ħajtu fl-isplużżoni tal-kamra tan-nar ta' Farrugia Brothers.

5.11.10 Hemm ħsara fuq il-fanali ta' fuq iz-zuntier billi tkisser wieħed mill-globi bil-bozza b'kollox. Aktarx sar b'daqqa ta' ballun. Il-Viċi Sindku ser ikellem lill-Ing Vella tal-Enemalta, biex isir mill-Gvern Ċentrali.

5.11.11 Kien hemm ilment fuq il-ħmieġ ta' klieb fi Triq ta' Mulejja. Is-Sindku qal li deher artiklu fuq il-gazzetta "It-Torċa" dwar l-indafa fil-Fontana. Ġie maqbul li ninfurmaw lil gwardjani lokali sabiex jagħmlu sorveljanza f'din iż-żona.

5.11.12 Mr. Shahpoor kien għadu ma qalax ix-xtieli ta' Triq Wied Siekel. Hu qal li x'ħin jerġa jiġi Għawdex irridu nibgħatulu ittra oħra.

5.11.13 Il-*fire extinguishers* għall-uffiċċju tal-Kunsill inxtraw.

5.11.14 Is-Sindku ppropona li nibgħatu ittra lid-Direttur Joseph Portelli u lil Joe Scerri, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex, sabiex isir it-taraġ f'tarf Triq ta' Mulejja u li jgħaqqad din it-triq ma' Trejqet wara l-Idjar, issa li ma baqax problema, u tingħata l-aħħar kisja *tarmac* fi Triq ta' Mulejja. Il-Kunsillier Lorry Apap iddikjara li jastejeni peress li għandu kunflitt ta' interess.

5.11.15 Is-Sindku qal li mhux jidħol ilma fil-ġibja tal-Kunsill, iżda lanqas qiegħda titlef ilma għaliex l-ilma tal-*bowser* għadu hemm. Is-Sindku qal li l-ħaddiema tal-Kunsill ser jagħmlu biċċa katusa oħra taħt il-*paving blocks* sabiex l-ilma jibda jidħol fil-ġibja.

5.11.16 Tabella tal-*Bring-In-Sites* sparixxiet meta għamlet maltempata bil-lejl.

5.11.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġibed l-attenzjoni tal-Perit Angelo Portelli li hu responsabbli mil-bini mill-ġdid ta' Triq ix-Xlendi li trid issir katusa li taqsam taħt it-triq biex twassal l-ilma tat-tisqija li jinġabar mill-Għajn, għar-raba magħruf bħala s-Saqwi fil-konfini tal-Fontana u dak magħruf bħala tal-Ġebell fil-konfini tal-Munxar, kif kien ilu jsir għal mijiet ta' snin. Dan irid isir għar-raġuni li waqt li kienet qed tinbena, il-kanal tal-ġebel li kien hemm tfarrak. Dan ir-raba kollu huwa tal-Gvern. Huwa nforma wkoll lill-Kunsill li f'nofs dan is-Sajf, waqt li kienet qed tinbena dik il-parti tat-triq li hija fil-konfini tal-Fontana, ġibed l-attenzjoni tal-istess Perit, anke wara lmenti tal-

pubbliku, dwar kif saret katusa waħda għal dak il-volum kbir ta' ilma li jinżel minn Triq il-Għajn u ħafna aktar minn Triq Wied Siekel li jirċievi l-parti l-kbira tal-ilma mill-inħawi Taċ-Ċawla, l-inħawi tal-Manresa, u minn ħdejn San Franġisk. Is-Sindku qal li almenu jiżdiedu żewġ katusi kbar oħra, tul ta' madwar 400 metru li minn ħdejn l-Għajn il-Kbira jwasslu sal-bidu tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li żdiedet katusa oħra iżgħar ħafna minn dik li diġa kienet saret.

5.11.18 Is-Sindku qal li nbidlu x-xtieli tal-qsari tar-*railing* l-isfel mill-Knisja.

5.11.19 Is-Sindku qal li nxtara sellum u kaxxi tal-ittri.

5.11.20 Beda u tlesta x-xogħol ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tal-Kunsill fuq il-*boundary wall* tat-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant.

5.11.21 Is-Sindku qal li jrid ikellem lil Pawlu Portelli biex jagħmel in-*notice board* u jdawwar iċ-ċappetti tal-bibien tat-*toilets* fil-*public convenience*.

5.11.22 Is-Sindku qal li kellem lil Pupull Attard biex issir grada quddiem it-tieqa tal-uffiċċju tal-Kunsill, kif approvat mill-Kunsill.

5.11.23 Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien bgħat *email* lill-MEPA rigward il-ħarruba li hemm fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi.

5.11.24 Is-Sindku qal li nbiddlu żewġ globi fit-telgħa l-isfel mill-Knisja fit-taraġ, kif kien qabel il-Kunsill. Issa jonqas erbgħa oħra. Il-Kunsill qabel li jinxtraw mingħand Teddy Mizzi.

5.11.25 Twaħħal is-servizz tal-WiFi fil-Playing Field ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 6. MISTOQSIJIET

5.1 Il-Kunsillier Victor Cefai saqsa f'hiex wasal it-tindif u l-ġbir ta' dokumenti u affarijiet oħra li hemm fis-Sala tal-Komunita. Is-Sindku qal li hu qal lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jieħdu ħsieb jiġbruhom.

## 7. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma dawn il-Minuti ġew approvati mill-Membri tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li ma nħalsux il-kont tad-dawl u tal-ilma tal-ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku peress li kont qiegħed maħdum fuq *estimate* u konna bgħatna l-*actual readings* sabiex il-kont jiġi rivedut. L-istima tal-kont tad-dawl ta' Pjazza l-Għejjun hi aktar minn 1000 unit mill-*actual*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'.

______________________
Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

______________________
Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt